MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru 1444/2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Jan Mifsud

Rat l-akkuzi riportati kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 195891M, akkuzat talli:

1. nhar is-26 ta' Settembru 2007 ghal habta tal-4.55 ta' wara nofs in-nhar filwaqt li kien fl-inhawi tal-Qasam Industrjali tal-Marsa, hdejn is-Super One Complex, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja tan-nurse Joanna Vella f'perikolu car, ikkagunalha ferita ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikat minn tabib Allan Drago tat-Taqsima tal-Emergenza ta' l-Isptar San Luqa, liema feriti gabu mankament jew sfregju fid-driegh ix-xellugija;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi vjolenza u b'theddid gieghel lin-nurse Joanna Vella u nies ohra, bhala ufficjali pubblici, milli jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tan-nurse Joanna Vella persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li qed tagixxi fl-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtoria' kompetenti;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-istess nurse Joanna Vella persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghaha jew jinflwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel lill-istaff paramediku waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom skond kif ordnat b'ligi;
6. fl-istess cirkostanzi fl-inhawi tal-Qasam Industrjali tal-Marsa volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9; mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tordna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-akkuzat quddiem din il-Qorti sabiex jigi gudikat dwar htija jew nuqqas taghha ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati;

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma kienx qieghed isib ebda oggezzjoni sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-akkuzat jinsab mixli li: ikkaguna ferita gravi li thalli debulizza permanenti jew sfregju; li uza vjolenza u/jew theddid kontra ufficjali pubblici fil-qasam tal-kariga taghhom; li ghamel ingurji jew theddid u attakka jew irrezista ufficjal pubbliku ‘officio durante vel contemplatione offici’; li volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’.

Il-fatti jirrizultaw filli fil-gurnata in kwistjoni ssejjet ambulanza sabiex tmur fejn l-istabbiliment tas-Super One, il-Marsa, billi l-akkuzat kien hassu hazin u kien mitluq fl-art. M’hemmx kuntrast li l-akkuzat kien minorenni dak iz-zmien u li mal-wasla tal-ambulanza kien hemm mieghu ommu u l-allura tfajla tieghu. Li gara hu li malli l-infermiera resqet lejh u tbaxxiet talbet lit-tfajla tillarga u dan waqt li l-akkuzat kien qieghed mindud fl-art izzommilha saqajha. Jidher li waqt li l-infermiera ghamlet biex tnehhi id l-akkuzat minn saqajn it-tfajla hu rrejagixxa u l-infermiera spiccat tilfet il-bilanc, waqt lura, u hi izzomm b’ida fekket il-polz xellugi. Ic-certifikat mediku esebit in atti jirrileva dan il-fatt u jikklasifika l-ferita bhala gravi per durata. Filwaqt li xehdet l-infermiera qalet li waqt li nizlet kokka biex tkellem lill-akkuzat li kien wiccu ‘l fuq jghafas sidru u jibki u b’idu kien qed jiggranfa ma’ sieq it-tfajla tieghu, l-akkuzat imbuttaha u hi waqet lura u hi u zomm b’idejha fekket l-ghadma hdejn il-polz. Ziedet tghid li damet gimghatejn bil-gibs u gimgha bil-faxxi u li ghal dak il-perjodu ta’ tlett gimghat ma setghetx tahdem. Ikkonfermat li l-akkuzat kien dak il-hin isteriku u kien qed jolfoq. Fuq daqshekk, cioe’, fuq l-istat ta’ sahhet l-akkuzat dak il-hin hemm xhieda li jikkonfermaw dan izda mhux biss billi hemm xhieda senjatament ta’ ommu u l-ex tfajla tieghu li jiddiskrivu l-mod pjutost brusk tal-infermiera. Fuq dan il-Qorti tghid li

minn dak li rrizultalha l-atteggjament taghha ma jidhirx li kien konfacjenti ghas-sitwazzjoni anzi pjutost inkawt u inkonsult. Jibqa’ pero’ li hi wegghet gravi izda certament mhux fl-estremi tal-Artikolu 218 izda fid-dettami tal-Artikolu 216(d) dejjem tal-Kap 9. Mill-bqija difficilment, f’kull kaz, fil-fehma tal-Qorti, tirrizulta l-akkuza taht l-Artikolu 96 u hi eskluza ghall-kollox dik taht l-Artikolu 95 jew inkella tal-offizi kontavenzjonali. Inghad dan skond il-Qorti l-kaz jistrieh fuq jekk l-akkuzat kellux l-‘intendere’ u l-‘volere’. Mehuda ix-xhieda fl-assiem taghha hi l-fehma tal-Qorti li l-akkuzat ma kellu la wahda u la l-ohra.

Kwindi qeghdha issibu mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------